MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru. 166/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**ANTONIO MARIO VELLA ta' 55 sena, iben Albert u Doris nee' Vella, imwieled l-Imsida nhar il-15.08.1955, residenti fil-fond Walnut Grove, Triq il-Helsien, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 579855M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ANTONIO MARIO VELLA** li gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Mejju, Gunju, Lulju 2001 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm5,730.00, liema ammont huwa aktar minn hames mitt lira Maltin, billi pprezenta cekkijiet tal-Bank of Valletta numri 170, 171, u 172 mahrugin f'isem Ballut Blocks Ltd, lill-marixxal tal-Qorti, u dan ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Ballut Block Ltd, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Helga Debono li xehdet illi kienet irceviet kwerela minghand l-accountant tal-Ballut Blocks dwar il-fatt illi wara Mandat ta' Sekwestru maghmul mis-socjeta' msemmija fuq debitu dovut mill-imputat lill-istess socjeta' msemmija. Xehdet illi r-rapport jghid illi maghmul dan is-Sekwestru, l-imputat hareg tliet cekkijiet sabiex l-istess ma jigix esegwit. Meta ppruvaw isarrfu l-istess cekkijiet li jammontaw ghal Lm5,730.00, dawn ma ssarfux.

L-imputat ghalhekk gie nvestigat u konsegwentement irrilaxxa stqarrija, Dok HD1 a folio 15 – 16. Hawn qal illi kien hu li ffirma c-cekkijiet in kwistjoni, innega li l-kitba fuqu hi tieghu. Dwar l-allegazzjoni li hu hareg dawn ic-cekkijiet biex iwaqqaf is-Subbasta fuq il-karozza, wiegeb illi hu lanqas biss kien jaf illi xi Marixxal kien mar biex jiehu l-karozza in kwistjoni. Qabel illi l-kont tal-Veltrade ma kienx ghadu miftuh. Dwar ghaliex hareg cekkijiet minn kont maghluq, wiegeb illi ma kinitx l-intenzjoni tieghu li johrog cekkijiet minn fuq kont maghluq.

Xehdet Mary Vella - accounts clerk mal-Ballut Blocks. Qalet illi l-imputat kien baqaghlu jhallas tal-planki li l-kumpanija kienet bieghitlu. Dak li ftakret bhala ammont dovut kien Lm3,800.00. Qalet illi l-kawza dwar l-istess debitu nqatghet u allura sar il-Mandat (Qbid) fuq il-karozza – Renault Laguna. Ezebiet tliet cekkijiet tal-BOV fl-ammont globali ta' Lm5,730.00, Dok HD 3. Skondtha dawn ic-cekkijiet kienu post-dated u ghalhekk inzammu l-ufficju, u meta gew prezentati l-bank dawn ma ssarfux. Wara l-bidu ta' dawn il-proceduri thallsu permezz ta' bank draft is-somma ta' Lm500.00.

Xehed ukoll Ray Aquilina, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta. Qal illi bhala firmatorju tas-socjeta' Veltrade Ltd huwa l-imputat Antonio Mario Vella. Spjega illi dan il-kont infetah bhala current account u spicca bhala encroachment account gialadarba minnu hareg debit li fuqu ma kienx hemm arrangamenti. Qabel ukoll illi ntbaghtet ittra lil Vella datata 31.10.2000, fejn gie avzat illi kienu ser jaghlqulu l-kont - dan biex ma johrogx cekkijiet izjed, u biex johdilhom ic-cheque book u gie maqlub f'loan account. Din l-ittra hija mmarkata Dok HDS. Xehed illi l-account baqa' sejjer lura ghax qatt ma saru repayments, saret call-in, ittra datata 24.01.2001. Qatt ma sar repayment programme minn Vella. Intbaghtet anke ittra bonarja mill-Avukat tal-bank datata 28.06.2001. Spiccaw hargu judicial letter datat 17.06.2002. Wieghed Vella lix-xhud li kellu jissetilja sa Lulju, 2002, ma sar xejn minn dan, infethet kawza mill-bank u nghatat sentenza fis-26 ta' Novembru.

Qal ukoll ix-xhud illi meta gie utlizzat ic-cheque, il-kont kien maghluq, gialadarba f'Ottubru tas-sena 2000, inghalaq il-kont mill-bank u gie avzat (Vella) biex ma johrogx cekkijiet izjed u l-kont sar loan account. Dak iz-zmien li nhargu c-cekkijiet, il-kont issa kien in debit Lm586.00. Xehed illi April, Mejju, Gunu 2001, il-kont ezatt kien in debit ghas-somma ta' Lm586.93. Dan l-statement gie mmarkat Dok HD 8.

Xehed l-imputat Antonio Mario Vella minn jeddu. Spjega li l-Ballut Blocks kienu fethu kawza kontra tieghu nonostante li x-xoghol minghandhom kien ordnat, jew ahjar gabu fi kliemu l-bennej u l-perit li hu kien gia’ hallas. Nonostante cio’ spicca tilef il-kawza u sar kontra tieghu Mandat, tant illi l-Marixxal qallu li kienu ser johdulu l-karozza li kien ghadu jixtri verzu l-prezz ta’ Lm14,000.00. Qal illi hu lill-accountant kien ihallilu c-cekkijiet iffirmati, qallu li jekk jigi l-Marixxal lestielu c-cekkijiet biex ihallsuh. Qal illi l-accountant ha zball, hareg ic-cekkijiet fuq kumpanija hazina, allura mill-kont tal-Bank of Valletta flok tal-Mid Med Bank. Halliehom fir-reception, gie l-Marixxal u hadhom. Fil-ghaxija allura cempel lil Mary Vella li kienet tiehu hsieb l-accounts tal-Ballut – anzi cemplilha dan l-accountant li talabha c-cekkijiet lura. Xehed illi fil-fatt hu la kiteb l-ammont u lanqas id-data, pero ffirmahom biss.

Spjega li hu lill-accountant kien ihallilu xi ghaxar cekkijiet iffirmati dak iz-zmien.

Qal in kontro ezami li hu ma ta ebda cekkijiet.

Qal illi hu lill-Marixxal, biex jithallsu l-Ballut Blocks, ma tahom xejn u li kull ma ghamel cempel lir-reception biex tghid lill-accountant biex ihallsu lill-Ballut. Qal illi anke cempel lil Mary Vella biex tirritornalu c-cekkijiet stante li l-kontijiet kienu maghluqin. Tant sostna li l-kumpanija li kellha thallas lil Ballut Blocks kienet JVC Vella mhux Veltrade, vide Dok AV folio 124.

Tqabbad fuq talba tad-Difiza l-espert tal-kaligrafija Joseph Gaffiero li fuq ic-cekkijiet in kwistjoni kkonkluda hekk:

*1. Illi t-tliet cekkijiet kienu ffirmati minn Antonio Mario Vella (drawer) ghall-kumpanija Veltrade Company Ltd;*

*2. Illi l-isem tal-payee (min hu ndikat biex jithallas) kien miktub minn Mary Vella;*

*3. Illi l-kitba tal-ammonti u d-dati tac-cekkijiet kienu miktuba minin Alan Fiorini.*

Maghluqa l-provi, semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi ftit ghandha xi tghid din il-Qorti dwar il-provi prodotti fir-rigward tar-reati addebitati. Certament jirrizulta li Vella kien avzat mill-bank li l-kont kien maghluq - dan qalu anke hu viva voce. Pero minn imkien ma ngabet xi farka ta' prova li hu ried iqarraq jew jinganna l-kumpanija kreditrici anke jekk halla cekkijiet ta' l-istess kont iffirmati. Insista anzi li hu cempel lil Mary Vella, fatt mhux kontradett, biex javzaha bl-izball li kien sar mill-accountant – xejn m'ghandha aktar x'izzid il-Qorti, ghajr ghall-fatt illi qieghda fin-nuqqas tal-prova tal-*mens rea* tillibera lil Vella mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------